**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 28 – IT-TLIETA, 14 TA' FRAR 2017**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fil-5:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria Vella | Viċi *Chairperson* |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Alfrida Abela | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |
| Assenti b'apoloġija: | Maryanne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joe Bonello | Membru |

1. **TMEXXIJA TAL-LAQGĦA**

1.1. Minħabba li ċ-Chairperson ma setgħetx tkun preżenti, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Chairperson Maria Vella.

2. **QARI TA' ITTRI TA' APOLOĠIJA**

2.1. Is-SE informa li s-Sinj. Cuomo u s-Sur Bonello għarfuh li ma jistgħux jattendu bis-Sinj. Cuomo tagħtih ir-raġuni.

3. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

3.1. Il-minuti tal-laqgħa numru 27 kienu meqjusa moqrija.

3.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati mil-Viċi *Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

4. **KOMUNIKAZZJONI MIL-VIĊI CHAIRPERSON**

4.1. Is-SE informa li dwar il-bozoz fuq l-arblu *double arm* fi Triq Anton Manwel Caruana, il-Kunsill qiegħed jistenna r-rapport tax-xogħlijiet kif ġew imwetqa mingħand l-Inġinier Mario Galea. Dan wara li l-istess arblu tad-dawl, eżatt kif beda jiffunzjona, kellhom jaqtawlu l-provista tad-dawl minħabba x-xogħol fuq il-binja biswit ta' The Oasis. L-arblu kellu jiċċaqlaq. Eżatt kif mexa, l-Enemalta bdiet tallega li l-kuntrattur tal-Kunsill m' għamilx xogħol sewwa filwaqt li min-naħa tiegħu, l-kuntrattur qiegħed jiċħad dan.

4.2. Finalment il-Kunsill qiegħed jistenna r-rapport tekniku msemmi sabiex il-bozoz jerġgħu jixgħelu mill-ġdid.

5. **STEMMA TA' BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

5.1. Is-SE ippreżenta disinn tal-istemma li kienet diġà ġiet approvata qabel. Din kien bagħtha lill-membri kollha qabel il-laqgħa.

5.2. Is-SE informa li d-Dipartiment kien qiegħed jitlob l-approvazzjoni mill-ġdid għall-istemma.

5.3. Il-membri preżenti lkoll qablu li l-istemma tirrappreżenta tabilħaq iż-żona ta' Baħar iċ-Ċagħaq u għaldaqstant id-disinn ġie approvat unanimament.

## 6. BANKIJIET FI ĠNIEN SANTA MARIJA TAL-ANĠLI

6.1. Is-Sinj. Vella ġibdet l-attenzjoni li xi residenti qegħdin jistaqsu lill-membri tal-Kumitat kif il-bankijiet tal-ġnien huma ta' lewn abjad.

6.2. Is-SE informa li dan mhux il-kulur finali għaliex dan huwa biss l-*undercoat*. Ix-xogħol taż-żebgħa għandu jsir fil-jiem li ġejjin.

## 7. TISBIEĦ F'XATT IL-PALM

7.1. Is-Sinj. Muscat u s-Sinj. Vella ipproponew li l-ħadid li jinsab f'Xatt il-Palm, li kien jintuża bħala bandli, għandu jitneħħa.

7.2. Il-membri semmew il-parkeġġ li qabel kien permessibli fl-akwata biswit il-Ġnien ta' Xatt il-Palm. Huma qalu li l-Awtorità tat-Trasport għadhom ma fetħux din iż-żona sabiex terġa' tintuża u għaldaqstant ir-residenti qegħdin jiltaqgħu ma' aktar inkonvenjenza meta jiġu biex jipparkjaw.

7.3. Is-SE fakkar li d-Dipartiment tal-Parks kien beda l-proċess biex isaġġar Xatt il-Palm. Huwa informa li skont l-istess Dipartiment uffiċjali tiegħu kienu għamlu kuntatti mal-perit nkarigata mill-proġett tal-parkeġġ f'isem TM, Kylie Borg Marks.

## 8. ĦWEJJEĠ OĦRA

8.1. Is-Sinj. Muscat u s-Sinj. Abela infurmaw li kien hemm ilmenti dwar ir-reċipjent għar-rimi tal-ħwejjeġ li tpoġġa fi Triq Anton Manwel Caruana. Ir-residenti qed isostnu li dan qiegħed wisq f'post ċentrali u għaldaqstant qiegħed ikerrah iż-żona.

8.2. Is-SE fakkar li l-iskop ta' dawn ir-reċipjenti huwa li nippromwovu r-riċiklaġġ tal-ħwejjeġ u għalhekk għandu jkun viżibbli ħalli r-residenti jkunu jafu bih.

8.3. Wara diskussjoni l-Kumitat ma qabilx li għalissa dan ir-reċipjent għandu jkun imressaq maġenb il-BIS fi Triq Anton Manwel Caruana.

8.4. Is-Sinj. Abela semmiet li fuq l-iskeda ta' numri tal-karozzi tal-linja li għandhom jieqfu u jtellgħu lin-nies mil-waqfa ta' maġenb id-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq, il-karozza bin-numru 13 għadha mhix inkluża.

8.5. Is-SE appella biex meta xi residenti jkellmu lil xi membru tal-Kumitat dwar dan għandhom jirreferuhom lil TM li huma responsabbli, għaliex il-Kunsill kien ilu ħafna jikteb dwar dan. Is-Sinj. Abela ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq Anton Manwel Caruana kantuniera ma' Triq ir-Ridott hemm xi ħaxix li tant kiber, li qiegħed itellef il-passaġġa tar-residenti li jridu jagħmlu użu mill-bankina. F'dan ir-rigward hija talbet lill-Kunsill sabiex jinforma lill-kuntrattur responsabli sabiex jaqta' dan il-ħaxix.

8.6. Is-Sinj. Muscat semmiet id-dinghy abbandunat li jinsab fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi. Il-Kunsill kien diġa bagħat jinforma lill-għassa tan-Naxxar iżda s'issa għadu fejn kien. Għalhekk il-Kunsill mistenni li jagħmel *follow up* ta' dan il-każ sabiex possibilment dan id-dinghy jitneħħa mill-aktar fis.

## 9. DATA GĦAL-LAQGĦA LI JMISS

9.1. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu, 2017 għal-17:00hrs.

9.2. Il-laqgħa ntemmet fis-18:15hrs.

| | |
|---|---|
| Mary Anne Cuomo | Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM |
| **Chairperson** | **Segretarju Eżekuttiv** |